# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 24 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 605/01**

**Numru**

**Standard Publications Ltd**

**vs**

**Borg Barthet Bros Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' seba mija hmistax il-lira Maltin tmienja u sittin centezmu (Lm715.68,0) bilanc ta' somma akbar dovuta ghal 'advertising' fil-gazzetti pubblikati mill-kumpanija mittenti fuq inkariku tas-socjeta' konvenuta skond id-dokumenti Dok 1, 2, 3, 4 u 5. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Dicembru 2000 u tal-mandat ta' qbid kontestwali u bl-imghax ta' 8% fis-sena mit-30 ta' April 1999 sad-data tal-ahhar partita kontra l-kumpanija konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-atti minn fol 2 sa fol 6 kif ukoll dak verbalizzat a fol 13 u fol 15 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-12 ta' Gunju 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm715.68,0 bl-imghax skond il-ligi mit-30 ta' April 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Dicembru 2000 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju tal-21 ta' Gunju 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg